MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Appell Civili Numru. 18/2012

**FREDERICK ATTARD**

**Vs**

**MALTA INTERNATIONAL AIRPORT p.l.c. u l-GENERAL WORKERS UNION U L-UNION HADDIEMA MAGHQUDIN gew imsejjhin fil-kaz**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni bin-numru 2149 deciza mit-Tribunal Industrijali fis-07 ta' Mejju 2012, fejn giet ipprounzjata is-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

*"It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li l-aspett diskriminatorju se mai f'dan il-kas huwa l-allegazzjoni tar-rikorrenti li qieghed jallega li l-ftehim kollettiv iffirmat bejn il-GWU flimkien mal-UHM mal-MIA fil-13 ta' Gunju 2008 jiddiskrimina bejn il-klassijiet ta' haddiema u ghalhekk is-seniority ghandu jmur lura.*

*It-Tribunal qieghed jara din il-kawza flimkien mal-kawza l-ohra Nru 2513/MF bl-istess ismijiet fejn dawn iz-zewg kawzi kienu mixjien flimkien. It-Tribunal jinnota li r-rikorrenti fil-kawza l-ohra qieghed jitlob rimedji taht il-ftehim Kollettiv u f'din il-kawza qieghed jitlob lit-Tribunal jiddikjara illi huwa ftehiem diskriminatorju jew aspetti minnu huwa diskriminatorju. Din il-kontradizzjoni iddahhal dubbju f'mohh il-Gudikant. Fuq naha wahda l-esponenti jinvoka l-infurzar tal-Ftehiem Kollettiv u fuq in-naha l-ohra qieghed jitlob xi tibdiel fil-Ftehiem Kollettiv. Ir-rikorrenti ghandu jkun konsistenti fit-talbiet tieghu u mhux juzahom skond ic-cirkostanzi.*

*It-Tribunal qieghed jifhem illi dak li r-rikorrenti qieghed jitlob hija li twaqqaf ftehiem jew partijiet minnu minhabba xi allegat diskriminazzjoni. Pero dan il-ftehiem huwa ftehiem specjali. Mhuwiex ftehiem bejn zewg partijiet li jissiggilla dak li ftehmu imma huwa ftehiem kollettiv li jinkopera anki dawn il-haddiema li mhumiex membri tal-Union li nnegozjat ftehiem ghan-nom taghhom. Ftehiem Kollettiv huwa strument legali fejn Union qieghed jinnegozja u jiddeciedi il-futur tieghek minghajr ma tajtu l-mandat li jitkellmu ghalik u inti marbut tajjeb jew hazin ma dak li gie miftiehem.*

*Pero din hu l-istitut tal-Ftehiem Kollettiv, huwa ftehiem li l-Union li hija rikonnoxxuta ghax tirraprezenta l-maggorranza tal-haddiema ikollha ghandha s-setgha li tinnegozja u titkellem ghan-nom tal-haddiema kollha kif ukoll tikkonkludi il-ftehim.*

*F'dan il-kaz iz-zewg Unions il-GWU u l-UHM inghaqdu f'Union wahda li flimkien kellhom l-maggoranza tal-haddiema u li ghalhekk setghet tigi rikonoxxuta mis-socjeta intimata. Bhala fatt hekk gara u kienet din il-Joint Union li nnegozjat u iffirmat il-Ftehim Kollettiv.*

*It-Tribunal studja bir-reqqa sabiex jara jekk kienx hemm xi artikli li kienu diskriminatorju. It-Tribunal jista' jikkonkludi li ma sab ebda artiklu diskriminatorju. Anki fil-konfront tar-rikorrenti. Dak it-trattament li rcieva r-rikorrenti rcevewh diversi haddiema ohra li kienu fil-posizzjoni tieghu. Haddiema li kienu mal-Gvern u dahlu mal-MIA kollha rcevew l-istess trattament u r-rikorrenti ma inghatx ebda trattament specjali jew diskriminatorju. Jigifieri ghar-rigward il-mitejn euro (euro 200) li rcieva r-rikorrenti mis-sena 2002 u mhux mis-sena 1992 mhiex diskriminatorju ghax kull haddiem fl-istess sitwazzjoni gie kolpiet bl-istess trattament. Li ki8eku dan it-trattament gie moghti biss lill-esponenti hemm kien ikollu ragun r-rikorrenti jilmenta pero dan ma kienx il-kaz u ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jiddeciedi li f'dan il-kaz ma kienx hemm trattament diskriminatorju.*

*Ghar-rigward it-tieni allegat kaz ta' trattament diskriminatorju it-Tribunal qieghed jikkonkludi illi l-Elf Lira Maltin (Lm1,000) inghatat biss lill-impjegati li jahdmu fil-sezzjoni teknika u stante li r-rikorrenti ma jahdmix fis-sezzjoni Teknika ma kienx intitolat ghal din iz-zieda kif l-impjegati l-ohra fis-sezzjoni amministrattiva dik li r-rikorrenti jahdem fiha ma haduhiex u ghalhekk r-rikorrenti ma jistax jilmenta minn xi trattament diskriminatorju.*

*Ukoll ghar-rigward it-telf ta' drittijiet fil-pensjoni l-iste3ss haddiema -rikorrenti ghadhom l-istess sitwazzjoni u ghalhekk ma hemmx diskriminazzjoni.*

*It-Tribunal jishaq hafna fuq l-importanza legali ta' Ftehim Kollettiv. Ftehiem Kollettiv huwa strument legali li jissahhah ir-relazzjoni bejn min ihaddem u l-impjegat u huwa vinkolanti.*

*Ghalhekk f'dan il-kaz it-Tribunal huwa konvint li r-rikorrenti ma ipprovax l-kaz tieghu ta' diskriminazzjoni.*

*It-Tribunal ghalhekk jikkonkludi illi l-MIA ma mexiex b'mod diskriminatorju fil-konfront ta' Frederick Attard u l-Ftehim Kollettiv fih innifsu mhuwiex diskriminatorju. Dan jghidd ukoll fil-konfront tal-GWU u l-UHM.*

***Decizjoni***

*It-Tribunal Industrijali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz u ra n-noti ta' sottomissjonijiet jichad it-talbiet tar-rikorrenti billi jiddikjara illi l-kumpanija intimata u l-Unions ma rrendewx ruhhom hatja ta' trattament diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti.*

*Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedi billi jichad dan l-appell bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.*

*Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin euros u sbatax il-centezmu (euros 93.17).*

*B'hekk tintemm il-kwistjoni tax-xoghol."*

Illi min din is-sentenza appella Frederick Attard bl-uniku aggravju kontenut f'paragrafu numru 6 tar-rikors tal-appell illi it-Tribunal Industrijali għamel apprezzament żbaljat tal-fatti li kellu quddiemu u li kkonkluda erronjament li fil-Ftehim Kollettiv ma kienx hemm trattament diskriminatorju bejn l-istess klassijiet tal-ħaddiema meta ġew allowdjati €200 kull sena b'effett biss mis-sena 2002 sal-eta tal-irtirar, u fejn fl-istess Ftehim Kollettiv ġiet stipulata żieda ta' €1000 fil-*basic pay* lil dawk is-*senior technical officer*s li jaħdmu fuq *day duties* mit-Tnejn sal-Ġimgħa biex tagħmel tajjeb bħala kumpens talli inqalghu mix-*shift*, u wasal biex it-Tribunal allura għamel interpretazzjoni żbaljata tal-liġi applikabbli fil-każ in diżamina.

Fil-kontestazzjoni ta' dan l-aggravju is-soċjetà appellata Malta International Airport plc wieġbet billi issolevat l-inappellabilita tal-appell stante illi ma kien

hemm ebda punt ta' dritt sollevat. Il-kjamata fil-kawza Union Ħaddiema Magħqudin ukoll issottomettiet ir-risposta tagħha għal dan l-appell.

Huwa certament fl-ordni logiku-guridiku illi din il-Qorti tinvesti *in primis* il-pregudizzjali sollevata mis-soċjetà appellata tal-inappellabilita` tad-decizjoni.

***"Skond is-subinciz (3) ta' l-Artikolu 82 ta' l-Att XXII ta' l-2002 (Kapitolu 452) ikun hemm dritt ta' appell fil-kazijiet kontemplati f' dik id-disposizzjoni "fuq punt ta' ligi". Ghandu jigi rilevat illi in linea generali ma hemmx bzonn li dan il-punt ta' ligi jkun gie espressament definit bis-sentenza appellata billi, a differenza ta' dak li nsibu per ezempju fl-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp (Kapitolu 356), il-ligi dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali dan ma tghidux. Huwa sufficcjenti ghalhekk li l-punt ta' ligi li fuqu jsir l-appell jirrizulta involut jew impliciter fid-decizjoni, in kwantu din tkun ittiehdet bis-sahha tal-principju interpretattiv tal-ligi li l-appellanti jikkontesta. Ara f' dan is-sens is-sentenza riportata a Vol. XL P I p 137;***

....

***Ma jistax ikun dubitat illi t-Tribunal ghandu dawk l-attribuzzjonijiet u funzjonijiet gudizzjarji specjali espressament rizervati lilu bil-Kapitolu 452; inter alia, dawk mahsuba fl-Artikolu 75 (1) tieghu. Naturalment huwa veru li fl-espletament ta' dawn l-istess attribuzzjonijiet u funzjonijiet it-Tribunal ma jistax jinjora certi regoli fondamentali izda daqstant iehor huwa veru wkoll illi ghal dak li huwa apprezzament tal-fatt dedott dan huwa mholli b' mod esklussiv fil-kompetenza ta' l-istess Tribunal. Ghaldaqstant id-decizjonijiet tat-Tribunal, ghal dawk li huma kwestjonijiet u konkluzjonijiet ta' fatt, huma finali u ma jistghux jigu riveduti jew censurati minn din il- Qorti. Kieku kien xort' ohra l-legislatur ma kienx ikollu ghalfejn jillimita statutorjament id-dritt***

***ta' appell ghal punt ta' ligi biss;*** **<u>Spiteri Peter Vs Xuereb Glass Co. Ltd, Appell Inferjuri, 10 ta' Ottubru 2005</u>**

Dan premess, jidher li l-punt sollevat f' dan il-kaz jikkonsisti unikament minn kritika ta' l-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal biex wasal ghall-konkluzjoni illi ma kienx hemm trattament diskriminatorju li jirriżulta mill-Ftehim Kollettiv, kwistjoni allura li daret fuq l-interpretazzjoni tal-klawsoli relattiv fil-ftehim applikati ghal fatti tal-kaz in dizamina.

L-appellanti jilmenta illi meta gie iffirmat il-Ftehim Kollettiv tat-13 ta' Gunju 2008 bejn is-socjeta appellata u il-Unions appellati (li taghhom l-appellanti ma huwiex membru), sehhet diskriminazzjoni bejn klassijiet ta' haddiema u dana meta ma saritx distinzjoni bejn dawk l-impjegati li kienu impjegati mal-kumpanija qabel is-sena 2002, u dan meta gie miftiehem hlas ta' beneficcju ta' €200 ghal kull sena ta' servizz mill-2002 sad-data tal-irtirar. Billi l-appellanti ilu impjegat mas-socjeta appellanti mis-sena 1998, allura ma ittiehidtx in konsiderazzjoni is-servizz tieghu precedenti biex b'hekk inholqot diskriminazzjoni bejnu u haddiema li bdew l-impjieg taghhom fl-2002 u wara. Dan iwassal sabiex ma giex rikonoxxut il-*formal and former seniority* tas-servizz tal-appellanti. Dan jista' iwassal ukoll ghal pregudizzju fir-rata ta' pensjoni li huwa jippercepixxi. Jilmenta ukoll illi l-istess ftehim kollettiv iddiskrimina bejn l-istess klassijiet ta' haddiema fejn giet stipulata zieda ta' Lm1000 fis-salarju ta' dawk is-*senior officers* li jahdmu "*day duties*" biex jaghmel tajjeb bhala kumpens talli tilfu ix-*shift duties* u hlasijiet zejda konnessi mal-istess doveri. Illi l-appellanti isostni illi huwa inqala' mix-*shift duties*, madanakollu ma irceviex dina z-zieda fis-salarju tieghu. Illi t-Tribunal fid-decizjoni tieghu sahaq dwar l-importanza tal-ftehim kollettiv bhala kuntratt

innegozjat mill-Unions li jirrapprezentaw il-maggjoranza tal-haddiema mal-principal taghhom, negozjar li isir fl-ahjar interess tal-haddiema kollha.

***"Il-Ftehim Kollettiv huwa kuntratt li jiddixxiplina b'mod generali r-rapporti tax-xoghol ta' kategorija ta' haddiema bl-intervent tal-Union li tirrapprezentahom. Huwa kuntratt importanti hafna mhux biss ghal kontenut tal-kondizzjonijiet tax-xoghol pattwiti fih imma ghaliex, fundamentalment, dawk l-istess kondizzjonijiet u d-dixxiplini l-ohra tieghu ghandhom jitqiesu r-regoli ta' gudizzju li jridu jigu assunti meta tinsorgi xi kwestjoni jew problema bejn l-interessati. In kwantu kuntratt, il-Ftehim Kollettiv irid jigi interpretat skond l-istregwa tad-dritt komuni u tal-kriterji ordinarji ta' l-ermenewtika kontrattwali, ghalkemm anke hawn, wiehed ma jridx lanqas ihalli jisfuggi mill-vizjoni l-funzjoni tipika tar-regolamentazzjoni tan-normi partikolari applikabbli ghas-settur, u allura ghal dik il-prospettazzjoni interpretattiva li ttendi ghall-kriterju ta' l-armonija tal-kumpless tad-disposizzjonijiet tieghu u tal-volonta komuni f'rapport tax-xoghol***[1]

Dan necessarjament ifisser illi il-ftehim kollettiv ma ghandux jitlef mill-mira tieghu r-regoli specjali li jirregolaw ir-relazzjonijiet industrijali bejn min ihaddem u il-haddiema tieghu. Illi allura premess dan huwa evidenti illi tali ftehim ghalkemm innegozjat fl-ahjar interess tal-haddiema ma jistax johloq diskriminazzjoni bejn l-istess klassi ta' haddiema fil-kundizzjonijiet tal-impjieg innegozjati ghan-nom taghhom. In materia ta' diskriminazzjoni l-artikolu 27 tal-Kapitolu 452 jipprovdi illi:

***"Impjegati fl-istess klassi ta' impieg għandhom id-dritt għall-istess rata ta' rimunerazzjoni għal xogħol ta' valur ugwali:***

[1] Joseph Silvio vs Corinthia Palace Hotel Company Limited 27/02/2009 App.Inf

***B'dan illi prinċipal u ħaddiem jew union ta' ħaddiema b'riżultat ta' negozjati għal ftehim kollettiv jistgħu jiftiehmu dwar skali ta' salarji, żidiet annwali u kundizzjonijiet ta' xogħol oħra differenti għal ħaddiema li jkunu impjegati fi żminijiet differenti, liema skali jkollhom massimu li jintlaħaq wara żmien stabbilit;"***

Dan ifisser allura illi l-ewwel indagini li kellha issir kienet f'liema klassi ta' xoghol kien impjegat l-appellanti u il-mod kif gew trattati impjegati fl-istess klassi ghar-rigward tal-kundizzjonijiet mifthiema fil-ftehim kollettiv. Dan il-gudizzju ta' fatt kien rimess f'idejn it-Tribunal li din il-Qorti issa fi stadju ta' appell ma tistax tirrivizita. Din l-Qorti trid tara biss jekk il-punti ta' dritt li iduru madwar l-ilment tal-appellanti gewx applikati korrettement mit-Tribunal.

**"Jinhass opportun f'dan l-istadju illi jigu inkwadrati certi riljevi estratti mill-kazistika ta' l-Unjoni Ewropeja:-**

1. Hu principju dettat mill-Artikolu 157 tat-Trattat (gja Artikolu 141 u Artikolu 119) illi l-qrati domestici "*have a duty to ensure the protection of the rights which that provision vests in individuals, in particular in the case of those forms of discriminations which have their origin directly in legislative provisions or collective labour agreements, as well as where men and women receive unequal pay for equal work which is carried out in the same establishment or service, whether private of public*". ("**Gabrielle Defrenne -vs- Société Anonyme Belge de Navigation Aérienne Sabena**", Case 43-75, datata 8 ta' April, 1976);

2. ***"Article 119 applies directly to all forms of discrimination which may be indentified solely with the aid of the criteria of equal work and equal pay referred to by that provision, without national or community measures being required to define them with greater precision"*** ("**Douglas Harvey Barber -vs- Guardian Royal Exchange Assurance Group**", Case 262 – 88, deciza 17 ta' Mejju, 1990);

3. ***"As a general rule, it is for employees who consider themselves to be the victims of discrimination to prove that they are receiving lower pay ... and that they are in fact performing the same work or work of equal value, comparable to that performed by the chosen comparator"*** ("**Susanna Brunnhofer -vs- Bank der Österreichischen Postsparkasse AG**", Case 381 – 99, deciza 26 ta' Gunju 2001). Logikament l-oneru tal-provi li l-inegwaljanza fil-paga mhix diskriminatorja jaqa' fuq min ihaddem (ara "**Handels-og -vs- Dansk Arbejdsgiverforening**", ahjar maghruf bhala d-**Danfoss Case** (109/88 [1989] ECR 3199 (1991));

Premess dan, id-dottrina legali l-aktar akkreditata tikkjarixxi l-provvediment predett tal-ligi b'dawn l-ispjegazzjonijiet. Skond **Selwyn** ("**Law of Employment**", 15th Edition, 2008), **"*Like work*", ifisser "*that the work must be the same or boardly similar, and any differences between the work done are not of practical importance*" (para. 5.13). "*If there are any differences between the work done, the tribunals must ask if these are such that it is reasonable to expect to see them reflected in different wage settlements*" (para. 5.14);**

Dan l-istess awtur jghaddi, imbaghad, biex jaghmel dawn ir-rikjami agguntivi:-

1. **"*Employees who have received different professional training, and thus could be called upon to perform different duties are not employed in the same work*" (para. 5.16 b'rikapitalazzjoni tad-decizjoni fl-ismijiet** "**Angestelltenbetriebsrat der Wiener Gebietskrankenkasse -vs- Wiener Gebietskrankenkasse**" (C-309/97 [1999]);

2. Ukoll jekk ix-xoghol hu meqjus bhala ekwivalenti jew ta' valur ugwali, **"*the employer may still be able to resist an equal pay claim on the ground that the variation in pay is genuinely due to a material factor*" (para. 5.31). Mandakollu, "*the defence of 'genuine material factor' cannot apply to any difference in the actual work done, for this must be considered when it is decided whether or not there is like work or work rated as being equivalent"* (para. 5.32);**

Mid-diversi aspetti li jinzlu minn din id-dottrina legali u l-gurisprudenza enuncjata huwa car illi skop tal-precett legali superjuri dettat mill-Artikolu 27 ta' l-Att huwa:-

(i) Fl-ewwel lok, dak li jiggarantixxi r-retribuzzjoni gusta;

(ii) Fit-tieni lok, illi d-determinazzjoni ta’ din l-istess retribuzzjoni gusta taghmilha l-klassi ghal liema jappartjeni l-impjegat;

(iii) Fit-tielet lok, illi r-retribuzzjoni tieghu ma jridx ikun f’import inferjuri ghal dak tas-salarju li jircievu impjegati ohra fl-istess klassi;”

Illi premess dan l-insenjament fir-rigward taz-zewg ilmenti imressqa mill-appellanti riferribbilment ghal dak pattwit fil-ftehim kollettiv, ma jidhirx illi t-Tribunal fid-decizjoni tieghu tbieghed min dawn il-principji ta’ dritt. Illi kif gustament ikkonkluda it-Tribunal ma jidhirx minn ezami tal-fatti saljenti illi l-ftehim gab xi disparita fit-trattament li irceva l-appellanti ma’ haddiema ohra fl-istess klassi ta’ impjieg bhalu. Dan ghaliex irrizulta illi ma kienx hemm ekwivalenza ta’ mansjonijiet fir-rigward ta’ xi zieda fis-salarji. Illi fi kwalunkwe kaz dak li wassal lit-Tribunal ghal konvinciment illi ma sehhx dan it-trattament diskriminatorju kien wiehed ta’ gudizzju dwar apprezzament tal-elementi fattwali. Materja din essenzjalment wahda ta’ fatt u fiha nfisha ma kienet timporta generalment ebda punt ta’ ligi. *Una volta* dan hu hekk il-kaz, is-sentenza mhix censurabbli minn din il-Qorti. Li jfisser allura li l-aggravju sottomess ma jaqax taht id-dispost tal-Artikolu 82(3) ta’ l-Att imsemmi billi ma hemm ebda punt ta’ ligi li fuqu jista’ jirpoza. Konsegwentement, ferma din il-konsiderazzjoni, il-pregudizzjali mqanqla mill-appellat hi gustifikata u l-appell allura ghandu jitqies irritu u null.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata. L-ispejjez ghandhom jigu sopporatati mill-appellanti.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------